# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001**

**Numru 61**

**Citaz. numru 878/81 DS**

Joseph u Katie mizzewgin Parnis u Isabella Parnis, xebba
vs
Alfred Carbonaro

Illum, 30 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Awissu 1981 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-konvenut kien gharus ma' l-attrici Isabella Parnis ghal zmien konsiderevoli;

Illi tul din l-gherusija l-atturi taw xi flus u rigali lill-konvenut u anke inkorrew fi spejjez kif jigi ahjar spjegat waqt il-kawza;

Illi l-konvenut dan l-ahhar ingustament u bla ebda raguni valida fil-ligi kiser din l-gherusija;

talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

(i) tiddikjara li l-istess riseliment tal-gherusija in ezami da parti tal-konvenut kien ingust u bla raguni valida;

(ii) konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi in linea ta' danni hekk sofferti dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo per opera ta' periti eligendi: bl-interessi legali.

Bl-ispejjez komprizi tlitt liri (Lm3) ta' tliet ittri legali kontra l-konvenut li jibqa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi l-gherusija bejn l-esponent u bint l-atturi ma thassritx bi htija tieghu u ghalhekk m'ghandux ikun tenut iwiegeb ghal ebda forma ta' danni li l-atturi qed jallegaw li sofrew;

Illi bla pregudizzju ghall-premess fid-dar tal-atturi jinsabu diversi hwejjeg li huma propjeta tal-eccipjenti u li ghandu dritt jirreklama r-restituzzjoni taghhom;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-2 ta' Frar 1982 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Cassar bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-23 ta' Gunju 1987 fejn in sostituzzjoni ta' l-imsemmi perit legali gie nominat l-Avukat Dottor Joseph R. Micallef;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Frar 1996 fejn giet nominata l-assistenta gudizzjarja l-Avukatessa Dottor Joselle Galea biex tassisti lill-perit legali;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

## Preliminari

Irid jinghad l-ewwelnett li billi l-Avukat Dottor Joseph R. Micallef gie elevat ghall-gudikatura, huwa rritorna l-inkartamenti kollha li kienu fil-pussess tieghu, liema inkartamenti jinkludu l-verbali tas-seduti mizmuma mill-Avukatessa Dottor Joselle Galea li kienet ghal xi zmien tassisti lil din il-Qorti diversament presjeduta bhala assistenta gudizzjarja kif ukoll il-verbali tas-seduti mizmuma mill-ewwel perit legali l-Avukat Dottor Joseph Cassar. Il-Qorti ghalhekk qed tghaddi ghas-sentenza a bazi tal-provi migbura matul id-diversi seduti mizmuma minnhom, u cioe`:

Seduta tad-9 ta' Dicembru 1982 li fiha xehdet l-attrici Isabella Parnis.
Seduta tat-13 ta' Lulju 1983 li fiha xehdet l-attrici Katie Parnis.
Seduta ta' l-20 ta' Lulju 1983 li fiha xehdu l-atturi Katie u Joseph Parnis.
Seduta tad-29 ta' Lulju 1983 li fiha xehdu Anna Faure u Marisa Parnis.
Seduta tat-2 ta' April 1984 li fiha xehdet l-attrici Isabella Parnis in kontro-ezami.
Seduta tas-17 ta' April 1996 li fiha xehed il-konvenut.
Seduta ta' l-4 ta' Settembru 1996 li fiha xehed il-konvenut in kontro-ezami.
Seduta tal-15 ta' Jannar 1997 li fiha rega' xehed il-konvenut in kontro-ezami.

Saru wkoll seduti fis-27 ta' Mejju 1994, 30 ta' Mejju 1996, 17 ta' Lulju 1996 u 10 ta' Settembru 1996 li fihom ma sar xejn.

## Provi

**L-attrici Isabella Parnis** spjegat li hi kienet ilha taf lill-konvenut ghal tliet snin u kienet bdiet tohrog mieghu meta kellha 15-il sena. Hu kien beda jidhol id-dar madwar erba' xhur wara. Hu kien imur kuljum fil-5.00pm jekk ma kienx ikollu *overtime,* u gieli dam sal-11.00 p.m. Ommha kienet ittieh jiekol ukoll. Madwar xahrejn qabel il-kwistjoni ta' xagharha, hu beda jnaqqas il-hin li kien idum hemm. Kienu tgharsu wara sentejn u ghalkemm ma kellhomx data taz-zwieg, kienu jitkellmu fuq zwieg u

sahansitra kienu marru jaraw xi postijiet. Iddikjarat li hasbet li hu kien telaqha ghaliex kienet qatghet xagharha, meta dan wara kollox kellha taghmlu minhabba xogholha.

Dakinhar li kienet qatghet xagharha, hu kien beda jkellimha baxx hekk kif wasal id-dar taghha. Imbaghad qabad u telaq 'il barra, filwaqt li kien qalilha sabiex hi taghmel li trid u li hu kien ser jaghmel li jrid. Minn dakinhar ma kinux baqghu jitkellmu u hu qatt ma kien ghamel tentattiv sabiex jirranga.

Matul l-gherusija hi kienet tatu s-segwenti: salib tad-deheb li xtratulha ommha, hwejjeg, *lighter* lewn id-deheb li tahielu missierha, zewg ggieget tal-gild, libsa ghall-*engagement party*, par zarbun, curkett ta' l-gherusija, *electric shaver* u *rebore* tal-karozza. Ommha taghtu curkett b'lira tad-deheb u ghandu f'idejh ukoll kutra tal-*fur* li ohtha taghtha bhala rigal ghall-*engagement*. L-gherusija kienet saret spejjez ta' ommha u missierha u kien sewa aktar minn Lm400. Min-naha tieghu l-konvenut kellu diversi rigali tal-familja tieghu li kienu ghadhom ghandha.

In kontro-ezami spjegat li ghandha hi kellha s-segwenti: curkett ta' l-gherusija, *eternity ring*, *cooker* li kienet tatulhom ommu, Lm250 flus depozitati f'akkont kongunt, sett tapiti tal-kamra tal-banju, statwa, xi *dishes* ta' l-i*stainless steel*, *bowl*, u rigali ohra tal-familja tieghu.

Wara l-incident fejn il-konvenut kien irrabja dwar il-fatt li kienet qatghet xagharha, hi ma kienet ghamlet l-ebda tentattiv sabiex tikkomunika mieghu.

**L-attrici Katie Parnis** qalet li l-konvenut kien dahal fid-dar taghhom madwar erba' xhur wara li kienu ltaqghu. Hu kien imbaghad imur ghandhom kuljum u sahansitra jiekol hemm. Lilu hi kienet thobbu u wkoll tatu diversi rigali fil-Milied u fil-*birthday*, kull darba ta' madwar Lm8, inklux curkett tad-deheb b'lira btad-deheb. Peress li t-tifla Isabella ma kienetx tahdem, allura hi kienet taghtiha l-flus sabiex tmur tixtri r-rigali. Kienet xtratlu salib tad-deheb li kien jiswa Lm40, gakketta tal-gilda li kienet tiswa xi Lm22, *electric shaver* li kienet tiswa xi Lm20 u xi hwejjeg. Hija kienet hallset ukoll Lm140 ghar-*rebore* tal-karroza tieghu. Zewgha kien xtralu *lighter* lewn id-deheb ghall-Milied li kienet tiswa xi Lm40.

L-gherusija kienu hallsu ghaliha huma u l-ispiza kienet ta' madwar Lm400. Dakinhar kienet taghtu curkett tad-deheb b'lira tad-deheb u libsa u zarbun. Wara

l-gherusija huma kienu bdew jitkellmu fuq zwieg u sahansitra wkoll kien marru jaraw xi postijiet.

F'Marzu 1981 beda xi inkwiet wara li l-konvenut tfantas ghaliex hi kienet qaltlu li setghet biss tohrog xi haga mit-Lm3000 li hu kien talab bhala self. Bdiet tarahom jitbeghdu minn xulxin u l-konvenut beda jittardja jmur ghandhom filghaxija. Fir-rigward tal-kwistjoni ta' xagharha, kienet Isabella li qaltilha li xtaqet taqta' xagharha minhabba li kien qed jimtela' bic-*chippings* fuq ix-xoghol. Meta l-konvenut kien mar ghandhom wara li kienet qatghet xagharha, l-attrici kienet qeghda tisma' kollox mill-kamra adjacenti. Semghetu jitkellem baxx u mbaghad jitlaq 'il barra filwaqt li qal lil Isabella li hu kien ser jaghmel li jrid u l-istess hi.

Wara l-ksur ta' l-gherusija, lil bintha qabditha *depression* u kellhom isiefru. Damet xi sena hekk.

Ix-xhud esebiet diversi kontijiet fir-rigward ta' l-ispiza ta' l-gherusija. Esebiet ukoll lista ta' oggetti konsistenti f'rigali lill-konvenut minghandha u minghand it-tifla taghha.

**L-attur Joseph Parnis** qal li t-tifla tieghu kienet damet tohrog mal-konvenut madwar tliet snin. Kienu damu gharajjes ghal sentejn u nofs. L-attur ikkonferma dak li kienet qalet Katie Parnis fir-rigward ta' l-ispejjez. Imbaghad darba minnhom wara li kienu marru jaraw post, hu kien talabhom sabiex jisellef Lm3,500.

Il-konvenut kien imur ghandhom ta' spiss u jdum. Kien jiekol hemm kuljum u meta ommu kienet imsiefra ghal tliet xhur, kien jiehu l-ikel ghax-xoghol ukoll.

Dwar l-incident li sehh wara Isabella kienet qatghet xagharha, hu kien sar jaf bih minghandha stess.

**Anne Faure** u **Marisa Parnis** bazikament jikkonfermaw il-punti principali msemmija mill-atturi u li l-gherusija thassret wara li ohthom qatghet xagharha.

**Il-konvenut Alfred Carbonaro** xehed li hu kien gharus lill-attrici Isabella Parnis ghal tliet snin. L-gherusija kienet thassret ghaliex kull proposta li l-konvenut kien jaghmel lill-imsemmija attrici, l-ewwel kienet taccetta u l-ghada kienet tghidlu li ommha kienet hassritilha. Dan kien isir ta' spiss. Izda meta ommha kienet ukoll hassret il-proposta tieghu li jghixu fil-villeggjatura tal-familja tieghu, u sahansitra irrikattat lil bintha billi qaltilha li ma kienet ser thallilha xejn, hu kien wasal biex

hassar l-gherusija. Fil-fatt hu kien proprju telaq 'il barra u ma regax iltaqa' ma' l-gharusa wara li Isabella kienet qatghet xagharha u filwaqt li kienu qeghdin jilletikaw, Katie Parnis kienet qalet lil bintha *'dan x'qed tistenna biex titilqu, mela ghamillek xi maghmul'*.

Qal li omma Isabella kienet possessiva hafna u tindahlilha hafna u kien ighidilha lill-gharusa tieghu li jekk tkompli sejra hekk m'huma se jaslu mkien. Kull ftehim li kien ikollhom bejniethom u li jkunu qablu fuqu, l-ghada tmur u tghidlu li ma tridx taqbel ghax ommha ma kenitx taqbel mal-ftehim.

Il-konvenut spjega li dak iz-zmien ma kienux ghadhom iffissaw id-data tat-tieg. Huma kienu jieklu ghand xulxin, u meta kienu johorgu filghaxija kien ihallas hu. Ukoll kien taha diversi rigali matul l-gherusija. Ir-rigali ta' l-gherusija kienu baqghu ghand l-attrici Isabella Parnis, inkluz dawk ir-rigali li kienu tawh il-familja tieghu. Ukoll hu kien ghadda Lm250 lilha sabiex izzommhomlu wara li kien faddalhom. L-uniku rigal li kien ghandu kienet proprju *bedspread* li kienet qalghet l-gharusa minghand ohtha. Hu kien zamm ukoll ic-curkett li kienet taghtu ghall-gherusija filwaqt li c-curkett li kien taha hu kien ghadu ghandha. Ir-riceviment ta' dik l-istess gherusija kien hallas ghalih missier l-gharusa. Qalli hu kien ghamel xi xoghol konsistenti f'zebgha u tikhil fid-dar ta' l-atturi, u dan hu ma kienx thallas ghalih.

In kontro-ezami l-konvenut spjega li wara ftit xhur li hu kien sar jaf lil Isabella Parnis, hu kien beda jmur ghand il-familja taghha ta' kuljum. L-inkwiet beda ma' ommha wara l-gherusija, cioe` minn wara li l-attrici ommha kienet l-ewwel weghdet li ssellfilhom Lm3,000 sabiex ihallsu r-rigal li kien qed jitlob sid fond li kienu qeghdin jithajru jikruh minghandu. Fil-fatt Isabella Parnis kienet dejjem izzomm lura milli tiffissa data taz-zwieg. Dak iz-zmien hi kellha madwar xahrejn anqas minn 18-il sena. Ma kenitx tahdem peress li kienet tiehu hsieb in-nanna residenti maghhom, u fil-fatt bdiet tahdem wara li din kienet mietet, u cioe` madwar xahar qabel ma kienu hassru l-gherusija.

Qal ukoll li fir-rigward ta' l-incident meta Isabella kienet qatghet xagharha, kienet qatghetu bhal ta' l-irgiel u ma kienx ghogbu u hija qaltlu li ommha kienet geghlitha taghmel dan. Meta qaltlu hekk, huwa aktar irrabja. Min-naha tieghu missierha Joseph Parnis qatt ma kien jindahal fl-affarijiet ta' bejniethom. Qal ukoll li meta kien ikollhom xi argument u jkun tort tieghu kien imbaghad icemplilha hu filwaqt li jekk ikun tort ta' l-gharusa tieghu kienet iccempel hi. Dakinhar li tlewmu dwar

xagharha dehrlu li ma kienx tort tieghu u meta telaq minghandha mar dritt id-dar jistenna li se ccempillu izda fil-fatt ma cemplitx.

**Konsiderazzjonijiet**

1. Il-kawza odjerna essenzjalment tirrigwarda t-thassir ta' gherusija bejn l-attrici Isabella Parnis u l-konvenut minnu stess L-atturi jsostnu li dan sar ingustament u bla ebda raguni valida u ghalhekk qeghdin jitolbu dikjarazzjoni tar-responsabbilita` tieghu ghat-thassir ta' tali gherusija, kif ukoll li jigi kkundannat ihallas danni sofferti bhala rizultat. Min-naha tieghu l-konvenut eccepixxa li l-gherusija ma kienetx thassret htija tieghu, anzi ddikjara li kienet thassret htija ta' l-attrici gharusa Isabella Parnis.

2. Skond is-subart. 3(1) tal-Kap. 5 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` il-Ligi dwar Weghdiet ta' Zwieg, persuna li tonqos minn weghda, kuntratt jew ftehim ghaz-zwieg, u dan *'volontarjament u illegalment'* tkun responsabbli ghall-hlas ta' danni lejn il-persuna l-ohra *'b'dak il-mod, u taht l-istess regoli stabbiliti mil-ligi ghat-talba ta' danni ghall-ksur ta' kull weghda, kuntratt, jew ftehim iehor'*.

3. M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet, u sahansitra lanqas dubbju li l-partijiet kienu tgharsu, b'dana li ma kinux ghadhom iffissaw data taz-zwieg (ara xhieda konvenut 17 ta' April, 1996, fejn ighid *'Jiena kont domt gharus ma Isabella Parnis madwar tliet snin ... Ahna dak iz-zmien konna ghadna ma ffissajnix id-data taz-zwieg ... L-engagement party li kien sar kien hallsu missier Isabella Parnis'* u xhieda tieghu 4 ta' Settembru, 1996, fejn qal *'Meta jiena u Isabelle konna niftehmu fuq xi haga fuq iz-zwieg taghna ... Ahna konna bdejna nitkellmu fuq iz-zwieg wara l-gherusija'*).

4. Il-konvenut spjega li r-raguni ghaliex l-gherusija thassret kienet *'ghax kull haga li kont nipproponilha jiena, l-ewwel kienet taccetta, u l-ghada kienet tigi u tghidli li ommha kienet hassritilha'* . Kompla ighid li dan kien jigri ta' spiss, u ezempju kienet il-proposta tieghu li jmorru jghixu fil-villeggjatura tal-familja tieghu peress li ma setghux jaghmlu wisq. Ghalkemm l-attrici Isabella Parnis kienet accettat, l-ghada qaltlu li ommha kienet hassritilha u sahansitra hedditha li ma thallilha xejn. Dan l-incident, kif ukoll il-kwistjoni li nqalghet meta l-attrici gharusa kienet qatghet xagharha qasir kienu wasluh sabiex ihassar, fi kliemu *'Din il-haga kienet tigri ta' spiss pero` l-kwistjoni tad-dar fil-villeggjatura kienet l-ikbar wahda li mbaghad geghlitni nhassar.*

*Fil-fatt wara jiena kont li hassart'.* Hawn jirrizulta wkoll li l-konvenut wasal ukoll sabiex jaccetta fix-xhieda tieghu li kien hu li hassar l-gherusija u ghalhekk lanqas fuq dan il-punt ma jidher li hemm kontestazzjoni. B'hekk jibqa' li wiehed ikompli jezamina x'kienet ir-raguni li waslet ghad-decizjoni tieghu, u sahansitra jekk din kenitx wahda skond il-ligi.

5. Ma jistax ma jigix osservat li mix-xhieda moghtija mill-attrici Isabella Parnis fis-seduta tad-9 ta' Dicembru, 1992, cioe` *'Il-konvenut telaqni ghax qalli qtajt xaghri, nahseb jien'* jidher li Isabella Parnis ma tantx kienet fehmet il-problema tal-konvenut, cioe` li, bhaloma xehed u ma giex kontradett, li ommha kienet possessiva hafna u kienet tindahlilha wisq. Wiehed irid ukoll jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li hi kien ghad kellha tmintax-il sena u kienet bdiet tohrog mal-konvenut ta' hmistax filwaqt li l-konvenut kien sahansitra seba' snin akbar minnha u wiehed jipprezumi aktar matur minnha.

6. Il-Qorti ma tistax taccetta li l-qofol tat-thassir ta' l-gherusija kien proprju l-fatt li l-attrici Isabella Parnis kienet qatghet xagharha, izda aktar hu verosimili li kien hemm kwistjoni aktar serja u forsi wkoll li kienet ilha takkumula. Ghalhekk certament hija aktar kredibbli r-raguni li semma l-konvenut u, jerga' jigi osservat, raguni li ma gietx ribattuta mill-provi ta' l-atturi.

7. Fil-fehma tal-Qorti, ir-raguni tal-konvenut ghat-thassir ta' l-gherusija skond kif spjegata minnu stess, hi wahda li maz-zmien kienet qieghda timponi aktar fuq ir-relazzjoni tieghu ma' l-gharusa tieghu. Il-frustrazzjoni tal-konvenut rinfaccat b'sitwazzjoni fejn id-decizjonijiet tieghu u ta' l-gharusa tieghu kienu jisfaxxaw fix-xejn tinhass fix-xhieda tieghu fuq imsemmija fejn dan ighid *'Jiena lil Isabella kont nghidilha illi ommha possessiva hafna, u ma tridx thalliha tkompli tindahlilha ghax inkella m'ahna se naslu imkien. Jiena nghid li la jiena u lanqas hi ma ridna nhassru, imma ma stajnix nibqghu sejrin hekk'.* Ir-raguni tieghu ghandha titqies bhala wahda li kienet timporta certa gravita` stante li wkoll anke fil-futur ta' hajja mizzewwga l-gharajjes kienu ser isibu l-problemi (Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Inez Barbara vs Carmel Ghigo** fil-5 ta' Marzu 1991, Vol. LXXV.ii.371, fejn intqal *'Din il-Qorti tifhem illi aktar mill-kuncett ta' "gravita`" solita ghal dak li hija n-natura tal-prova – dak li jikkwalifika sewwa l-gravita` tas-sitwazzjoni huwa r-rifless illi d-decizjoni li wiehed jizzewweg, cjoe` l-obbligu li ghandu l-gharus jew l-gharusa, li jesegwixxi dak li jkun wieghed – in-natura tal-kuntratt*

*imwieghed huwa tali illi rtirata minnu timponi gravita` ta' motivazzjoni').* Il-Qorti ghalhekk temmen li t-thassier ta' l-gherusija da parti tal-konvenut kienet ghal raguni li ghandha titqies bhala ragonevoli u accettabbli fil-konfront tal-ligi u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**D/REGISTRATUR**